PARLAMENT TA' MALTA

**House of Representatives - Parliamentary Questions Website**

**Leġiżlatura**
XIII
**Kategorija**
ORAL
**Mistoqsija Numru:**
18964
**Data:**
04/02/2021
**Seduta:**
425 - 08/02/2021 04:00 PM
**Seduta *Interim*:**
-
**Titlu:**
Ta' Kandja – Shooting Range

**L-Onorevoli CLYDE PULI staqsa lill-Onorevoli JULIA FARRUGIA PORTELLI (Ministru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja):**
B'referenza għall-fatt li x-*shooting range* f'Ta Kandja ġie stmat €13-il miljun minflok is-€7 miljun li ġie stmat u b'referenza għar-rapport tal-Uffiċċju tal-Awditur li sab li rapport ta' The Shift News kien korrett jiġifieri li 59% tax-xogħlijiet kienu mogħtija mingħajr approvazzjoni u b'referenza għall-fatt li l-Ministru stqarret li mhemmx responsabilità politika x'tinġarr, tista' l-Ministru tgħid min se jġorr ir-responsabilità ta' dan il-*mismanagement* gross ta' fondi pubbliċi?

**Tweġiba:**
Ninforma lill-Onorevoli interpellant li jiena infurmata li l-proġett tax-Shooting Range fl-ebda mument ma kellu stima uffċjali ta' €7 miljun. Filfatt l-istimi li ġew ikkummissjonati minn SportMalta, saru fuq ix-xogħol tal-kostruzzjoni li kellha b¿onn ix-shooting range. Dawn saru b'mod indipendenti, u ċioe mill-uffiċjali tal-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura l-Proġetti Kapitali u jkopru 51% tan-nefqa totali fuq ix-Shooting Range (u ċioe €5 miljuni esklu¿ il-VAT). L-istima tgħid li n-nefqa totali mistennija fuq dawn il-kuntratti kellha tkun ta' €5,328,295 (eskluz il-VAT), meta fil-verità, il-kuntratti kellhom valur ta' €5,050,894 (eskluz il-VAT) u ċioe nefqa attwali ta' €277,400 inqas milli stmat. Dan ifisser li mhux talli ma kien hemm l-ebda mismanagement ta' fondi pubbliċi, anzi x-shooting range ġiet irħas milli ġiet stmata.
M'huwiex korrett lanqas l-Onorevoli interpellant meta jgħid li x-Shooting Range ġiet tiswa €13-il miljun, meta huwa r-rapport tal-Awditur Ġenerali stess li jikkonferma li x-shooting range ġiet tiswa €11-il miljun (inklu¿ il-VAT).

Lanqas huwa korrett l-Onorevoli interpellant meta jgħid li 59% tax-xogħol sar mingħajr

approvazzjoni u dan ukoll joħroġ mir-Rapport tal-Awditur Ġenerali. Anzi r-rapport tal-Awditur Ġenerali jikkonferma li l-proċess tal-procurement kien kollu approvat mid-Dipartiment tal-Kuntratti.

**Dokumenti annessi mal-mistoqsija:**

**Dokumenti mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra:**

**Dokumenti annessi mar-risposta:**

L-aħħar bidla: 8/2/2021 04:25:10 PM - PQ ID 7F5CD55ED574CF37C1258672004C65DB